

## POŻIZZJONI VAKANTI

# Analista tan-Negozju

Unità: Servizzi tat-Trasformazzjoni Diġitali

Referenza: ECDC/FGIV/2023/DTS-BA

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

## Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC qed jippjana li jirrekluta żewġ persuni għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu l-għan ukoll li jstabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Id-detentur tal-impjieg se jitqiegħed fit-taqsimha tas-Soluzzjonijiet Diġitali, fl-Unità tat-Trasformazzjoni Diġitali (DTS). Hu se jipprovdi analiżi tan-negozju, servizzi ta' inġinerija tar-rekwiżiti u jikkontribwixxi għat-tfassil u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali avvanzati b'appoġġ għan-negozju ewlieni taċ-Ċentru.

B'mod partikolari l-kandidat se jkun responsabbli għall-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jikkollabora mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-ECDC, id-DĠ SANTE, u l-Istati Membri, biex jiġbor u jifhem il-ħtiġijiet u l-proċessi tan-negozju tagħhom, u biex jidentifika opportunitajiet għat-titjib tal-operazzjonijiet tagħhom;
- Jikkontribwixxi għad-definizzjoni, il-provvista u l-ġestjoni ta' soluzzjonijiet tal-IT ta' kwalità għolja, kosteffiċjenti u effettivi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tan-negozju;
- Jikkontribwixxi għall-immappjar, l-iżvilupp u l-armonizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju;
- Jiżgura l-koerenza tas-soluzzjonijiet proposti mal-politiki tal-IT tal-ECDC u d-DĠ SANTE (eż. standards, arkitettura);
- Jipprovdi taħriġ u appoġġ għall-utenti;
- Jissorvelja l-prestazzjoni tal-kuntratti;
- Jiggwida u jagħmel segwitu ma' konsulenti;
- Jirrieżamina r-riżultati;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħra tal-ECDC relatati mal-proġetti assenjati;
- Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu kif mitlub.

# Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

## A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma <sup>1</sup>;
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tiegħek<sup>2</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin<sup>3</sup>;
- Tkun tissodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

## B. Kriterji tas-selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 3 snin esperjenza professjonali, wara l-għoti tad-diploma, miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Livell ta' edukazzjoni, skont ir-rekwiżiti formali ta' hawn fuq, f'qasam rilevanti (eż. ix-Xjenza tal-Kompjuters, l-Inġinerija tal-Kompjuters, it-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni, il-Ġestjoni, jew kwalifiki akkademiċi ekwivalenti);
- Għarfien sod tal-metodoloġiji ta' analiżi tan-negożju u l-aħjar prattiki, murija minn esperjenza prattika fi proġetti tal-IT u preferibbilment ukoll b'ċertifikazzjonijiet dwar metodoloġija rikonoxxuta internazzjonalment għall-analiżi tan-negożju (bħal IIBA CCBA/CBAP, IREB CPRE, jew ekwivalenti);
- Esperjenza fl-iżvilupp tar-rekwiżiti u l-ġestjoni fi proġetti ta' żvilupp ta' software matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-software;
- Esperjenza f'metodi aġili, bħal DevOps, SAFe jew Scrum;
- Esperjenza bi studji ta' fattibilità, studji tas-suq (software), u/jew preparazzjoni ta' każijiet ta' negożju u pjanijiet ta' ħidma tal-IT;
- Esperjenza b'għodod, metodoloġiji u l-aħjar prattiki ta' ġestjoni ta' proġetti;
- Esperjenza fil-proċedura tal-akkwist u/jew fil-ġestjoni ta' kuntratti ta' servizzi tal-IT;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

1 Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliš bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew aktar).

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux rekord kriminali.

## Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Motivati mill-kwalità, orjentati lejn is-servizz u orjentati lejn ir-riżultati;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni u ta' negozjar eċċellenti;
- Ħila sabiex tippjana bil-quddiem, tippredvi diffikultajiet u ttipponi mitigazzjonijiet meta jkunu meħtieġa;
- Ħila sabiex tibni relazzjonijiet kollaborattivi mal-konsumaturi u membri tat-tim tal-proġett;

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslju, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tas-selezzjoni msemmija qabel.

## Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni fuq bażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Atwalment, in-nisa huma sottorappreżentati f'dan il-qasam ta' negozju. Għalhekk, in-nisa huma mħeġġa japplikaw.

## Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta lid-Direttur mill-Kumitat ta' Selezzjoni. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li din il-proposta tista' tiġi ppubblikata u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi reklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tista' tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

## Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess ta' reklutaġġ u ta' selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni<sup>4</sup> ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

---

<sup>4</sup> Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.